MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 382/2011

A B

-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta’ Mejju, 1976 u minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom erbat (4) tfal lkoll maggoreni ghajr ghal minuri Clayton li ghandu l-eta ta’ sbatax-il (17) sena;
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Dicembru, 2002 permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni in atti Nutar Nicholas Vella (vide kuntratt pubbliku anness u mmarkat bhala Dok A);
3. Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-partijiet stante illi huma ilhom snin

twal mifrudin u illum il-gurnata huma ghandhom hajja totalment separati minn xulxin tant illi l-esponent ghandu sahansitra rabta ma mara ohra tant illi huwa ghandu zewgt (2) itfal minuri mir-relazzjoni li ghandu fil-prezent (Vide affidavit tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala Dok B);
4. Illi l-esponent dejjem vversa l-manteniment dovut u ghadu jaghmel hekk sal-lum il-gurnata skond kif stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab ghal dawn il-motivi illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2011;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduta li giet iffissata il-Qorti;

Rat ix-xhieda li ta permezz ta' affidavit ir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghad-divorzju gew sodisfatti peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment isseparati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li gie ippublikat fit-12 ta' Dicembru 2002;

Illi Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u rat illi gie ippruvat illi r-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut regolarment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------